## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR JOSEPH BUSUTTIL, SPETTUR DORIANNE TABONE) V. JUAN DANIEL OROZCO CASTANO (P.K. AU933385)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**6 ta' Ottubru 2023**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjoni maħruġa kontra Juan Daniel Orozco Castano ("l-imputat") mwieled fil-11 ta' Settembru 1998 ġewwa l-Kolombja, residenti ġewwa 23, Mayflower Mans, Blk 1, Flat 3, Triq Bisazza, Sliema u detentur tal-passaport Kolombjan bin-numru AU933385 u ċioe talli f'dawn il-Gżejjer, u/jew ġewwa 23, Mayflower Mans, Blk 1, Flat 3, Triq Bisazza, Sliema, fl- 4 ta' Ottubru 2023 u fil-ġimghat u xhur ta' qabel b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. **Żamm jew eżerċita jew kellu sehem ma' oħrajn fl-eżerċizzju ta' burdell jew ta' dar, ħanut jew lokal ieħor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew magħduda bħala li huma ffrekwentati għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali (Art 8 (1) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta)**

wara li rat illi ġiet mitluba ukoll illi f'każ ta' ħtija barra li tinfliġġi l-piena stabbilita mill-Liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti,

wara li rat li ġiet mitluba ukoll illi f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi tordna lill-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta,

wara li rat illi rat li fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2023, meta l-imputat tressaq taħt arrest huwa wieġeb li kien ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih,

wara li rat li l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u tatu ftit taż-żmien billi pposponiet il-kawża għal ftit minuti, biex jekk irid

jerġa' lura minnha u dan wara li jkollu l-opportunita li jikkonsulta mill-ġdid mal-avukat tiegħu,

wara li rat illi l-imputat kkonferma li kien qed iżomm ferm fuq l-ammissjoni tiegħu għall-imputazzjoni miġjuba kontrih,

qed tagħti din is-

## Sentenza

Il-Qorti qieset illi l-imputat għamel ammissjoni bikrija u dan wara li kien ukoll ikkopera bis-sħiħ mal-Pulizija fl-investigazzjonijiet tagħhom. Qieset ukoll il-fedina penali nadifa tiegħu.

**Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli rilevanti fil-liġi u ċioe l-Artikolu 8 (1) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta u 28A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati fuq ammissjoni tiegħu stess tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u tikkundannah għall-piena karċerarja ta' disa' (9) xhur sospiża għal tlett (3) snin liema sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul il-perjodu operattiv tagħha l-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija. Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija. Il-Qorti tikkundanna ukoll lill-imputat iħallas multa ta' ħamsin euro (€ 50).**

**Finalment il-Qorti qed tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flejjes esebiti fl-atti (fl-ammont ta' € 2,050) stante illi dawn huma meqjusa bħala rikavat mill-kriminalita'. Il-Qorti tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali sabiex jinforma lill-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi dwar il-konfiska msemmija, jibgħat lill-istess Uffiċċju kopja tas-sentenza u jibgħatlu l-proprjeta' hekk konfiskata.**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y. M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |